

# It-Terz Ordni Karmelitan tal-Balluta fl-isfond tal-Istorja tal-Ordni Karmelitan f'Malta.

Mario Attard - President - Terzjarji Karmelitani Balluta

Fiz-19 ta' Frar 1752, il-Papa Benedittu XIV ta l-indipendenza lill Kunvent Karmelitani f'Malta minn Sqallija u li isiru dipendenti mill-Patri Generali. Dan sar b'digriet li igib l-isem "Debitum Pastoralis officcio" iffirmat mill-istess Papa. Dak iz-zmien Malta kienet taqgha taht il-Provincja Karmelita San Albert ta' Sqallija. L-Isqallin xejn ma ghogbithom din id-decizjoni u qajjmu hafna inkwiet u b'hekk kollox safa fix-xejn. Anki Ir-Re ta' Napli u ta' Sqallija qatt ma ried jaccetta il-firda tal-Kunventi Maltin minn dawk ta' Sqallija tant li anki il-Gran Mastru u il-Kavallieri kellhom jidhlu fix-xena. Din ix-xewqa ghall-indipendenza qamet wara li fis-sena 1740 il-Patrijiet Kapuccini kisbu permess tal-Patri General taghhom li iwaqfu il-Kustodju (provincja) indipendenti minn Sqallija dependent direttament minnu (Patri General). Kien permezz ta' din il-kisba, li l-Ordnijiet Religuzi l-ohra talbu huma ukoll li jinfirdu mid-dipendenza ta' Sqallija. Dak iz-zmien Sqallija ma kienetx parti mill-Italja kif nafuha illum. Kienet Stat maghqud ma' li Stat ta' Napli u kienu maghrufa bhala 'Le Due Sicilie'. Charles de Bourbon kien l-ewwel Re ta' dawn iz-zewg stati maghquda flimkien - maghruf bhala 'King of the Two Sicilies'. F'dawk iz-zmienijiet Malta kienet ghada taht il-hakma tal-Kavallieri u minhabba il-pressjoni li sofrew l-Ordnijiet Religuzi l-ohra, ukoll, anki minn naha tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Gwann, billi il-Gran Mastru Manoel Pinto de Fonseca (1741-73) ma riedx jiksira mar-Re ta' Sqallija, gara li kollha kellhom jitilfu l-indipendenza li kienu akkwistaw. Kien fis sena 1819 (wara it-trattat ta' Amiens, fejn Malta saret kolonja Ingliza u taht it-tmexxija tal-Gvernatur Sir Thomas Maitland 1813-1824) li permezz tal-Inglizi il-Patrijiet tal-Karmnu kisbu l-indipendenza mill-Provincja ta' Sqallija u saru Vici-Provincja. Ma sarux provincja ghax ma kellhomx kunventi bizzejjed. Kellha tkun il-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta li fis-17 ta' Settembru 1857 talbet lill-Arcisqof, Mons. Publio dei Conti Sant biex tibni knisja, dedikata lill-Madonna tal-Karmnu fil-Balluta bi 12 il-mezzanin (6 fuq kull naha tal-knisja) fuq bicca art maghrufa bhala tal-Iljun li kienet imhollija b'legat mis-sinjura Madalena Schembri u Re, armla li kienet mietet fil-bidu tas-sena 1756. Dan il-bini seta` isir billi il-fratellanza ghamlet talba biex tissellef is-somma ta' elf u mitejn lira bl-interessi ta' 3 fil-mija. L-Arcisqof accetta it-talba tal-fratelli fil-24 ta' Settembru 1857. Kemm il-pjanta kif ukoll ix-xoghol kien f'idejn id-direzjoni tal-Perit Guze` Bonavia. L-ewwel gebla tal-knisja tqeghdet fil-21 ta' Novembru 1858 fil-presenza tal-Vigarju Generali tad-Djocesi. Inbniet f'ghaxar xhur u fit-18 ta' Settembru 1859 giet miftuha u mbierka sollennement mill-Isqof Mons.G.Pace-Forno u qaddes fiha ghall-ewwel darba. Kellha tkun din l-okkazjoni ta' Knisja ohra Karmelitana (Balluta) it-tielet Knisja f'Malta, li gholliet lill-Vici Provincja ghal status suprem ta' Provincja. Ghal dan il-ghan, hadem hafna b'ghaqal u hegga kbira il-Majjistru Patri Lwigi Malfatti, l-ahhar Vigarju Provincjal u l-ewwel Provincjal tal-Provincja Karmelitana Maltija, Promotur u Fundatur tal-Kunvent tal-Karmnu, San Giljan (1842-1909).

F'dak iz-zmien San Giljan kien post favorit ghal Maltin ghax kien imfittex bhala post tal-villegatura minbarra il-fatt li fih kien hemm joqghodu hafna familji Inglizi. Il-fratellanza Karmelitani rat li il-Kappella kienet saret popolari u kienet zghira wisq biex tilqa dawk in-nies kollha ghall-quddies. Ghalhekk fis-sena 1877 il-Fratellanza iddecidiet li tkabbar dan it-tempju ghal kumdita tal-poplu bi spejjes taghha stess. Ix-xoghol sar fuq il-Pjanta stil Gotiku tal-Perit il-Kavallier Emmanuel Galizia u l-imghallem kien

Annunziato Schembri mis-Siggiewi. Ghat-tkabbir ta dan it-tempju irsista ukoll hafna l-avukat Carmelo Borg. Fl-24 ta' Lulju 1877, fis-sitta ta' filghodu l-knisja giet imbierka mill-Vigarju Generali il-Kan. Kap. Goffredo Xerri D.D. u kien assistit mir-Rev. Dun Gwann Sammut u sacerdoti ohra.

Fl- 1 ta' Frar 1890 il-Fratellanza Karmelitana tal-Belt tghat il-Knisja u xi artijiet ta' madwar lill-Patrijiet Karmelitani u biex jinbena kunvent fl-art mghotija. Ix-xoghol tal-bini kollu tlesta f'Mejju 1892, fejn gie imbierek u miftuh ufficjalment fid – 29 ta' l-istess xahar mill-General tal-Ordni, Patri Luigi Galli. l-Kunvent inbena fuq il-pjanta tal-Perit Galvani Trevisan. Kienu il-Patrijiet stess li hadu hsieb biex jinbena il-Kunvent. Habrek hafna Patri Giljan Calleja. L-ispiza halsuha il-kunventi Tal-Imdina u tal-Belt.

L-ewwel Komunita Karmelitana fil-balluta kienu Patri Anglu Mallia (mahtur Pirjol fil- 1892, Patri Vertan Said, u Patri Bertu Grech, kif ukoll Fra. Marru hemm fit-22 ta'Mejju 1890 u aktarx kienu joqoghdu f'wiehed mill-mezzanini tal-Fratelli li kienu inbnew. Wara li gie inawgurat il-kunvent u marru joqoghdu fih il-komunita il-gdida ta' Patrijiet imsemmija, gew mibghuta wkoll xi kjerci studenti mill-kunvent tal-Belt. B'hekk il-kunvent beda jservi ukoll ta' Kullegg ghall-istudju. Sar iktar tkabbir u arrangamenti fil-Knisja u is-sagristija bejn is-snin 1900-1906. Iktar xoghol ta' tkabbir sar sas-sena 1917.

Il-bini tal Knisja kif nafuha illum beda bil-qtuh ta' blat fil-10 ta' Dicembru 1957. It-tberik ta' l-ewwel gebla sar fil-bidu ta' Awwissu 1958 mill E.T. Mon. Michael Gonzi Arcisqof ta' Malta. Il-Knisja hadet 20 sena biex tlestiet u giet ikkonsagrata mill-E.T. Mons. Arcisqof Guzeppi Mercieca nhar l-Erbgha 12 ta' Dicembru 1984. Is-Sibt tas-27 ta' Lulju 1974, lejliet il-festa sar il-ftuh ufficjali tal-Parrocca. Ikkoncelebraw quddiesa il-Kappillan il-gdid Patri Damjan Cachia, E.T. Mon. Michael Gonzi akkumpanjati mill-Kappillani ta' San Girgor, San Giljan, Sacro Cuor, u Gzira.

It-Terz Ordni fi hdan kull Ordni Religjuz (bhal-Ordni Karmelitan, Terezjan, Frangiskan, u ohrajn),jiffformaw parti mill-Ordni Religjuz koncernat. Fost dawk li ma jidhlux jghammru fil-Kunventi ssib hafna li jhossu li ghandhom jersqu kemm jista jkun lejn il-hajja religjuza. Din il-generosita tista titwettaq fit-Tielet Ordni tal-Madonna tal-Karmnu, li hija ghaqda ta' lajci irgiel u nisa, illi bi twegiba ghas-sejha partikulari ta' Alla, b'mod hieles u meqjus, iwieghdu li jghixu il-hajja tal-Evangelju fl-Ispirtu tal-Ordni

Karmelitan taht it-tmexxija tieghu. (Reg. P. 4).
L-ghaqda tat-Terz Ordni kienet l-ewwel ghaqda fi hdan din il-Knisja tal-Karmnu Balluta, fejn fl-ewwel ktieb tar-Registru "Terz Ordine. Libro 'A' li igib id-data 1890 → 1933 insibu li l-ewwel terzjarja f'San Giljan kienet Dolores Calleja ta' 25 sena li kienet ga miktuba bhala terzjarja fit-13 ta' Ottubru 1886 mid-Direttur P. Elizew M. Zarb O.C. u aktar tard fl-10 ta' Novembru 1887 ghamlet il-professjoni meta kien Direttur P. Giljan Calleja O.C. Hadet l-isem ta' Angela u mietet fit-23 ta' Ottubru 1920. Warajha inkitbu 7 nisa ohra meta fis-sena 1891 imbaghad inkiteb l-ewwel ragel Angelo Cachia ta' 36 sena minn tas-Sliema fis-17 ta' Mejju ta' l-istess sena, minn Patri Alberto Grech Assist.Direttut, u ghamel il-professjoni fil-25 ta'Jannar 1893 minn Patri Angelo Mallia, Assist. Direttur. Minn dak iz-zmien l' hawn mijiet ta' mijiet ta' nisa u irgiel inkitbu u ipprofessaw u saru Terzjarji fi hdan l' Ordni Karmelitan.

Mill-ewwel persuna li saret Terzjarja sal-1933 ipprofessaw 1041 persuna, u tul dak il-perijodu ta' snin, it-Terzjarji gew assistiti b'dedika u devozjoni minn 23 Patri, bhala Diretturi, Ass. Diretturi, u Delegati tat-Terz Ordni. Bejn is-snin 1934-1948 ipprofessaw mal-1100 Persuna (irgiel u nisa) fejn dawn gew assistiti minn madwar 28 Patri fir-rwol ta' Diretturi u Ass. Diretturi. Bejn is-snin 1948-1961 insibu miktubin 1024 Terzjarji assistiti minn 21 Patri fir-rwol ta' Diretturi, Ass.Diretturi u Delegati. Mis-sena 1962-1997 dahlu fit-Terz Ordni Karmelitan 700 Terzjarju u tul dak il-perijodu dawn gew assistiti minn 21 Direttur Spiritwal. Mis-sena 1998 sal-lum ipprofessaw 163 persuna bhala Terzjarji u huma taht id-direzjoni spiritwali tad- Direttur P. Guido Micallef O.C.

F'Marzu tal-1992 fil-fergha Karmelitana tal-Ballut ittiehdu zewg decizjonijiet importanti. Il-Kunsill tan-nisa u dak tal-irgiel inghaqdu f'kunsill wiehed taht l-istess Direttur

P. Gwido Micallef O.C. Id-decizjoni l-ohra ghaqlija li qed thalli hafna frott kienet li il-laqgha ta' kull xahar ghat-terzjarji nisa bdiet issir filghodu fic-centru Parrokjali minflokk fil-Knisja filghaxija. Hafna terzjarji anzjani laqghu din id-decizjoni bil-ferh. Barra il-laqghat ta' kull xahar, kull l-ewwel Hadd tax-xahar ghall-irgiel u kull l-ewwel Tnejn ghan-nisa (nisa u irgiel jistaw jattendu ukoll kemm il-Hadd jew it-tnejn skond in-necessita), ikollhom talb, konferenza u quddiesa, matul is-sena jsiru irtiri, pellegrinaggi, adorazjonijiet u zjarat lil terzjarji morda fid-djar privati u sptarijiet. F'Novembru it-Terzjarji flimkien mad-Direttur Spiritwali izuru it-Terzjarji mejtin fl-oqbra taghhom u issir quddiesa jew Via Sacra madwar il-Kappella ta' hemmhekk u jispiccaw bil-kant tas-Salve Regina / Flos Carmeli. Okkazjoni ohra mistennija bil-ferh mit-terzjarji hu il-kungress li isir kull sena organizzat mill-Provincja tal-Karmelitani. Waqt il-Kungress li kien sar fis-17 ta' April 2005 izzanznet il-bandalora tal-fergha tal-Balluta.

Id-Diretturi li mexxew b'dedika u devozzjoni lil-Terzjarji Karmelitani Balluta tul dawn l-ahhar 60 sena kienu: P. Damjan Cachia (1959-66), P.Robert Farrugia (1966-69), P. Tonin Grech (1970-73), P. Leonard Mahoney (1974-80), P. Francesco Saverio Caruana 1980-82), P. Rajmond Calleja (1982-91) u P. Guido Micallef (1992 - ).

Postijiet li kienu twaqqfu mill-fergha tal-Balluta kienu: In-Naxxar - fil-Kappella ta' Santa Lucija. It-Terzjarji hemmhekk ghadhom jiltaqghu regolari u jaqghu taht id-direzjoni u huma parti mill-Knisja Parrokjali dedikata lill-Marija Bambina.

San Gwann (qabel konna insibuh bl-isem ta' L-Imsierah). Laqghat kienu isiru fil-Kappella ta' San Gwann. Hemmhekk il-Direttur/Pirjol tat-Terz Ordni, flimkien mas-sur Victor Floridia u is-Sur George Schinas kienu imorru jghallmu id-dutrina. Kienu jiehdu hsieb P.Elija Vella, P.Tarcisio Licari u P.Damjan Cachia. Meta il-Kapuccini hadu f'idejhom il-hsieb pastorali taz-zona il-Karmelitani irtiraw.

Il-Gzira ukoll hemm it-Terzjarji li jaghmlu parti mit-Terz Ordni Balluta. Ghal-perijodu ta' zmien kien jiehu hsieb Dun Manwel Zammit. F'Ottubru tas-sena 2009 beda jiehu hsieb dawn it-Terzjarji Karmelitani, Fr. Daren Pace. F'Ottubru tas-sena 2013 Fr.Daren sar ukoll id-Direttur Spiritwali tat-Terzjarji Karmelita ta' Hal Lija. Dawn jiltaqghu fil-Kappella dedikata lill San Pietru u jiehdu hsieba is-Sorijiet Dumnikani.

Hal Kirkop ukoll kien hemm fergha tat-Terzjarji. Din il-fergha kienet infethet minn P. Damjan Cachia meta il-Knisja Parrokjali San Leonardu kellha il-Kappillan Dun Pawl Pace. Illum din il-fergha ghalqet.

Fi zmien meta P. Damjan Cachia kien jiehu hsieb it-Terzjarji Balluta, dawn kienu minn ta' l-ewwel li bl-ghajnuna tieghu bdew juzaw il-Lunzjata (Rabat) ghall-irtiri. F'dak iz-zmien ukoll bl-ghajnuna tieghu, il-Fergha Balluta, kienet issellfet terran minn ghand Mrs. Marsh fi Triq Manwel Dimech, Sliema, fejn kienu jsiru kumitati ghal xi attivitajiet, spjegazzjoni tar-regola u affarijiet ohra importanti.

Sa minn meta il-Beatu Gwanni Soreth, li kien il-Pirjol Generali (1451-1471) kiteb l-ewwel test tar-Regola Tat-Terz Ordni, kien lilu li il-Papa Nikola V (1447-1455) indirizza il-famuza bolla "Cum Nulla" fl-1451 li biha approva bis-sigill ufficjali it-Tielet Ordni, Sorijiet, Lajci u Konfraternitajiet Karmelitani. Dan l-Ordni baqa dejjem jikber u jaggorna maz-zmienijiet. Wara il-Kuncilju Vatikan II gie deciz li ir-Regula tat-Terz Ordni tigi aggornata. Kien process li dam iktar minn tletin sena. Kien process internazjonali fejn kienu involuti hafna Karmelitani Lajci. Il-Kunsill Generali l-gdid mahtur fil Kapitlu Generali ta' l-2001 kiteb id-dokument ahhari u ipprezentah lis-Santa Sede. Gie approvat u ikkonfermat mill-Vatikan fil-11 ta' April 2003 b'digriet iffirmat minn Eduardo Card. Matinez Somalo (Prefett) u +Piergiorgio Silvano Nesti, CP (Segretarju) f'isem il-Kongregazzjoni ghall-Istitutti tal-Hajja Konsagrata u ghas-Socjetajiet tal-Hajja Appostolika. Prot.n.c.52-1/2003. Kien P. Joseph Saliba O.C. Delegat Provincjali ghat-Terz Ordni (illum Kapillan tal-Knisja tal-Karmnu Balluta-San. Giljan) li hadem hafna b'konsultazjoni kontinwa mal-Ass. Spiritwali u mal-Moderaturi tal-Fraternita biex hejja l-istatuti il-godda ghal-ewwel darba biex it-Terz Ordni Karmelitan fil-gzejjer Maltin ikollu l-istatut tieghu. L-istatut gie approvat fl-10 ta'Mejju 2011 mill-Kunsill Provincjali. Dan huwa ibbazat fuq dak li gie approvat mill-Vatikan f'April 2003. Kull Terzjarju ghandu id-dmir li isegwi ir-Regoli miktuba, fosthom, li huwa msejjah ghal-hajja ta' talb u meditazzjoni fuq il-kelma t'Alla (qari tal-Bibja) jiffrekwenta is-sagramenti u is-smiegh tal-Quddies ta' spiss, kif ukoll it-talba tar-Ruzarju immeditat, il-Kurunella, kif ukoll hajja ta' sagrificju, penitenza, mortifikazjonijiet, sawm u karita mal-proxxmu. Fuq kollox kull nisrani huwa imsejjah biex jghix hajja qaddisa, u jghin lill-ohrajn f'dan il-ghan.

Nghalaq dan l-artiklu jiena u niftakar li fit-13 ta' Ottubru 2017 kien l-gheluq il-100 sena mid-derhiet ta' Fatima. Il-Madona qalet: "Hafna nies imorru l-infern ghax ma hawnx min jitlob ghalihom." Mela ghandna ahna l-ewwel nitgholbu ghal-konversjoni taghna nfusna (ghax il-konversjoni taghna hija process ta' kulljum), kif ukoll ghal konversjoni tal-proxxmu taghna. Ghandna inwasslu il-kelma t'Alla lill ohrajn minghajr misthijja u fil-miftuh bl-ghajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu. Niftakar fil-kliem ta' Gesu u it-talba tieghu lil Suor Consolata Betrone (1903-45) fejn heggiga biex tghid ta' spiss: "Gesu Marija, inhobbkom! Salvaw l-erwieh!"

Madonna tal-Karmnu idhol ghalina u salvana.

**Referenzi:**

Biblijoteka Nazzjonali .... (National Archives).
Il-Karmelitani tal-Balluta 1890-2006. - Awtur: P. Serafin Abela O.Carm.
Kotba tar-registu Terz Ordni: A, B, C, D, u E.
Ir-Regola tat-Terzjarji Karmelitani. - Publikat mill-Provincja Karmelitana Maltija – 2006.
Statut tat-Terz Ordni Karmelitan – Malta 2011. Awtur P. Joe Saliba O.C. Kapillan – Balluta.

**Ringrazzjament Specjali lill:** P. Damjan Cachia O.C.
P. Charles Mallia O.C. Pirjol – Balluta.
P.Joe Saliba O.C. Kappillan - Balluta
P.Guido Micallef O.C. Direttur Terzjarji Karmelitani - Balluta.
Il-Kavallier u Direttur Spiritwali P.Victor Enriquez O.C. – Balluta.